MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 252/2008/1

**Associated Marketing Limited**

**vs**

**Victor Diacono f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Melit Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tlieta u disghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€293.48) somma rappresentanti hlas ta' kont ta' konsenja ta' *stationery* u affarijiet

relatati provduti lis-socjeta' attrici, fejn is-socjeta' konvenuta baqghet moruza fl-imsemmija hlasijiet.

Illi nonostante interpellata bonarjament sabiex thallas l-ammont pretiz, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes tal-ittra legali u bl-imghax dekoribbli mid-data ta' meta l-konvenut sar moruz fil-hlasijiet sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt safejn diretti kontra tieghu personalment in kwantu l-ammont pretiz huwa dovut esklussivament minn Melit Ltd.

Ra x-xhieda ta' Antonia Vella Bonanno, li hija Direttrici tas-socjeta' attrici. Bhala socjeta' timporta *stationery* u hija distributrici wkoll.

Tghid li kienu jissupplixxu lis-socjeta' konvenuta u kien hemm kont pendenti, u kien ghalhekk li kienet baghtet il-kont fit-13 ta' Settembru, 2004, u kienet ukoll kellmet lill-konvenut personalment u ma kienx innega li kien hemm d-debitu dovut.

Kien fi Frar, 2005 li kienet regghet ikkomunikat mal-konvenut Victor Diacono, li kien infurmaha li kemm hu kif ukoll huh, Martin Diacono, kienu ser ihallsu dan il-kont personalment u fil-31 ta' Mejju, 2005 kienet irceviet ittra minghand Martin Diacono fejn infurmaha li kien qed jibghat cekk bhala sehemhu tad-debitu ta' Melit Ltd.

Sussegwentement kienet baqghet tirvcievi xi pagamenti minghand Victor Diacono li kien ihallas b'cekkijiet mahruga f'ismu personali.

Ra x-xhieda ta' Victor Diacono, li kien wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta.

Hu personalment ighid li ma kellux relazzjoni personali mas-socjeta' attrici, izda kienet is-socjeta' konvenuta li kellha relazzjoni maghha, fis-sens li kienet takkwista xi konsenji ta' *stationery*.

Jammetti li s-socjeta' konvenuta kienet debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400), ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75).

Ighid li ma kienx hemm ftehim ma' huh Martin Diacono li ghandhom ihallsu d-debiti personalment, izda kien jaghti l-kaz li kien hemm drabi fejn kienu jezistu debiti personali u kienu jaqsmuhom nofs b'nofs.

Jikkonferma wkoll li kien hemm drabi fejn anke jekk, kien hemm xi debitu personali kien hemm ftehim li kellha thallas il-kumpanija u fil-fatt kien hemm drabi fejn kien hareg cekkijiet f'ismu personali pero' kien jindika li dan kien qed jaghmlu "*for and on behalf of Melit Ltd*" u f'dan il-kaz ma kellux, cioe' ma assumiex, responsabbilita' personali.

Martin Diacono gieli ghamel pagamenti wkoll.

Jikkonferma wkoll li kull darba li kien jaghmel pagament, kien izomm *remittance advice*, izda jirikonoxxi li d-debiti kienu tas-socjeta' konvenuta u kien jitlob li l-ircevuti jinhargu mhux biss fuqu personali, imma ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Melit Ltd..

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Huwa punt kardinali f'dan il-kaz, li hemm ammissjoni li dan l-ammont huwa dovut. Li jrid jigi

stabbilit minn dan it-Tribunal huwa min mill-konvenuti huwa responsabbli ghal dan id-debitu.

Ir-relazzjonijiet kontrattwali originaw bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta Melit Ltd., minn fejn kienet tordna *stationery* minghand is-socjeta' attrici.

Jidher li maz-zmien kien hemm xi problemi fis-socjeta' konvenuta u ssemma' li l-istess socjeta' kienet falliet. Ghalkemm ma ngibet ebda prova formali tal-falliment tal-istess socjeta', jidher li xi tip ta' problema kien hemm ghaliex hu l-konvenut, Martin Diacono, baghat ittra lis-socjeta attrici fit-31 ta' Mejju, 2005 fejn infurmaha li hu u huh kienu ftehmu li ser jassumu li jhallsu nofs kull wiehed tad-dejn.

L-unika prova li l-konvenut Victor Diacono irrikonoxxa li kien qed jassumi n-nofs tad-dejn, kien meta ghamel tlett (3) pagamenti. Pero', oltre minn hekk, irrizulta li kien hemm kuntatt bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut diversi drabi, precisament fil-11 ta' April, 2005, fid-29 ta' April, 2005 u fl-10 ta' Mejju, 2005 fejn ikkonferma li l-pagamenti kienu ser jinqassmu bejnu u bejn huh Michael Diacono.

Il-konvenut Diacono irrileva li huh Michael Diacono qatt ma tela' sabiex jikkonferma din l-ittra, u din per se ma kienitx tirrapprezenta l-aqwa prova. Jirrileva wkoll illi kull meta kien qed jaghmel pagament kien qed jaghmlu ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta Melit Ltd. Dan il-fatt jirrizulta mir-*remittance advices* li gew esebiti.

Huwa evidenti li t-trattivi saru fuq livell personali mal-konvenut Victor Diacono u ma jidhirx li meta ftehmu li jhallsu nofs l-ispejjes bejniethom hu u huh, b'xi mod jirrizulta li kienu qed jagixxu bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-

> socjeta’ Melit Ltd. Anzi, kwalsiasi pagament li kien qed isir kien qed isir f’cekkijiet mahruga f’isimhom personali anki jekk fl-interess tas-socjeta’ taghhom..
>
> It-Tribunal huwa konvint li r-relazzjoni mas-socjeta’ attrici ma baqghetx biss mas-socjeta’ konvenuta, izda nholqot relazzjoni fuq livell personali mal-konvenut Victor Diacono, kif l-istess socjeta’ attrici tissottometti  u dan huwa lampanti mill-ittra ufficjali li giet ipprezentata kontra l-istess konvenut datat 14 ta’ Dicembru, 2007.
>
> Il-konkluzjoni tat-Tribunal ghalhekk hija li l-eccezzjoni tal-konvenut proprio, li m’hux responsabbli ghal pagament, m’hiex sostnuta u ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hlas mitlub.
>
> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici  filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-konvenut. Bl-ispejjes u l-imghax kontra l-istess konvenut proprio *et nomine*.”

Appella minn din is-sentenza l-konvenut personalment biex jikkontesta lit-Tribunal bl-aggravju generali illi dan mar b’mod gravi kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita`.  Huwa, imbaghad, jossostanzja dan l-aggravju bis-suddivizjoni segwenti:-

i. meta ha in konsiderazzjoni ittra ta’ parti mhux fil-kawza u mhux ikonfermata bil-gurament minn min kitibha;

ii. meta ha in konsiderazzjoni pagamenti *del terzo* maghmula minghajr pregudizzju bhala prova ta’ accettazzjoni ta’ responsabilita`;

iii. meta ha in konsiderazzjoni u qies bhala prova kontra tieghu l-fatt li huwa fil-kwalita` tieghu ta’ direttur qatt ma cahad l-ammont dovut;

iv. meta wasal ghall-konkluzjoni illi hu *proprio* kien assuma responsabilita` personali minghajr ma

identifika tali bazi, u bhal donnu bbaza ruhu fuq oggett kumulattiv ta’ provi fihom infushom indeterminanti;

Flimkien konsiderati, b’dawn l-ilmenti l-appellant qieghed jissottometti illi mir-rizultanzi istruttorji ma kien hemm xejn x’jindika illi hu kien assuma l-obbligu ghall-hlas versu s-socjeta` attrici. Hi allura l-kritika sostanzjali tieghu illi t-Tribunal ma ghamelx apprezzament adegwat tal-provi tant ghal dik ir-raguni, tant ghaliex ukoll, kif minnu arguwit, ir-rapport guridiku ma kienx mieghu personalment izda bejn is-socjeta` attrici u l-kumpanija konvenuta Melit Limited;

Hekk impustata l-obbjezzjoni da parti ta’ l-appellant ma jistax jisfuggi bl-ewwel osservazzjoni illi fil-parametri stretti ghal liema hu konsentit appell lil din il-Qorti [Artikolu 8 (2) (d), Kapitolu 380], mhux permissibbli li din il-Qorti tissindika l-apprezzament fattwali maghmul mit-Tribunal. Mhux lanqas lecitu illi l-parti sokkombenti tittanta tressaq appell taht il-pretest tal-lezjoni tad-dritt ekwitattiv, meta l-gudizzju tat-Tribunal ikun wiehed bazat unikament fuq il-konsiderazzjonijiet fattwali dedotti mill-provi. Mhux il-lok li l-Qorti toqghod anke hawn taddentra ruhha fil-profond fuq din il-materja izda bizzejjed li ssir semplici referenza ghad-decizjonijiet abbundanti taghha fir-rigward. Ara b’illustrazzjoni “**Andrew Spiteri -vs- Anthony Camilleri**”, 5 ta’ April, 2006 u “**Gasan Insurance Agency Ltd *nomine* -vs- The Cargo Handling Co Ltd**”, 13 ta’ Jannar, 1999;

Maghdud dan, u f’kull kaz, l-ilment ta’ l-appellanti lanqas ma jirrispekkja l-provi akkwiziti quddiem it-Tribunal. Sufficit li ssir referenza ghal dawn il-ftit elementi tal-provi:-

1. Skond ix-xhud Antonia Vella Bonanno (Fol. 17) direttrici tas-socjeta` attrici, il-konvenut mhux biss ammetta l-bilanc dovut mis-socjeta` Melit Limited izda wkoll iddikjara maghha illi hu u huh Martin Diacono kienu ser jassumu personalment il-hlas ta’ dak id-debitu;

2. Il-konvenut innifsu jistqarr illi kien jezisti ftehim bejnu u huh illi "jekk ahna konna ha ninzammu personally liable allura ahna qbilna illi ghandna nohorgu l-pagament nofs bin-nofs" (fol. 36). Dejjem fl-istess kontro-ezami jammetti wkoll "sa fejn stajt jiena kont assumejt illi nhallas dan id-debitu pero` meta ma stajtx, waqaft";

3. Sew l-ittra tal-31 ta' Mejju 2001 (fol. 20) mibghuta lill-kumpanija attrici minn hu l-konvenut, kif ukoll ic-cekkijiet personali emessi mill-istess konvenut (fol. 21 sa fol. 23) jattestaw l-ezistenza ta' dak il-ftehim raggunt mill-appellanti ma' huh Martin Diacono kif ukoll l-assunzjoni minnu tad-debitu flimkien ma' l-istess huh;

Jikkonsegwi minn dawn l-elementi ta' provi fl-isfondipprezentat quddiem it-Tribunal illi l-qaghda reali tal-konvenut kellha tkun dik illi, kif aggudikat mill-istess Tribunal, l-appellanti kien assuma personalment responsabilita` ghall-hlas tal-kont pendenti. Dan jinzel sew sija minn dak konfessat mill-istess appellanti, sija mill-accettazzjoni tal-hlas u ta' l-ispartizzjoni tieghu, ukoll fl-isfond tal-kontenut ta' l-ittra fuq referenzjata, sija ukoll mill-fatt illi, appena sar dak il-ftehim ma' huh, u kif imwieghed lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, l-appellanti ghadda ghal pagamenti effettivi permezz ta' cekkijiet personali;

Sussidjarjament ghal din il-konstatazzjoni, mill-punto di vista legali, il-kwestjoni kienet, fil-fehma tal-Qorti, tattira lejha l-konsiderazzjoni jekk, b'dik l-assunzjoni tad-debitu, l-appellanti kienx qieghed jissostitwixxi ruhu ghas-socjeta` tieghu jew b'zieda maghha;

Fil-prattika l-assunzjoni ta' dejn tiddenota skema guridika tendenti ghall-istess rizultat ekonomiku u, cjoe, l-obbligazzjoni da parti tas-soggett gdid li jassumi d-dejn ghaf-favur tal-kreditur;

Issa kif donnu li jidher li hu accettat, fis-sistema tal-ligi taghna, taht l-influwenza tad-Dritt Ruman, l-obbligazzjoni hekk assunta minn soggett gdid tista' tkun jew wahda ta' "*adpromissio*" (meta tizdied biss obbligazzjoni ta' haddiehor), jew ta' "*expromissio*" (meta jkun hemm kambjament tad-debitur originarju). Ara "**Francesco Attard -vs- Andrea Brincat *et***", Appell Kummercjali, 12 ta' Gunju, 1953. Fil-kaz in ispecje l-qaghda ghandha aktarx minn ta' l-ewwel forma milli mit-tieni wahda. Dan tant ghaliex kienu l-ahwa Diacono bejniethom li qablu u accettaw r-responsabilita` personali li jiskontaw id-dejn tal-kumpanija taghhom, tant ghaliex ukoll ma jidherx li kien hemm il-helsien tas-socjeta` konvenuta debitirci ghaliex, biex dan seta' kien hekk, ried jirrizulta minn xi dikjarazzjoni espressa tas-socjeta` attrici kreditrici, jew, almenu, minn xi mgieba univoka u konkludenti taghha ghal dak il-fini, u dan, hawnhekk, ma jidherx li hu hekk il-kaz;

Indipendentement minn dan l-aspett ta' dritt, jibqa' l-fatt illi, konsiderati fil-kwadru globali, il-provi jwasslu biex jiddeterminaw illi l-appellanti personalment assuma fuqu, anke jekk flimkien ma' huh u mas-socjeta` li taghha hu r-rapprezentanti, li jaghmel tajjeb bi flus proprji ghall-hlas tad-dejn reklamat. Mhux il-kaz allura illi, kif invokat, din il-Qorti titbieghed mir-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal. Dan sew ghar-ri-ezami valutattiv u sostantiv tal-mertu, kif ukoll ghal dik ir-raguni l-ohra procedurali aktar 'il fuq accennata.

Ghal motivi kollha suesposti l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------